MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 34/2009

**Anthony Gatt (201547M) u martu Catherine Gatt (ID 771553M) ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha**

***kontra***

**Philip Gatt (ID 220255M) u martu Doris Gatt (ID 515464M) ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha**

***u***

**All Trading Vehicles & Spares Limited (Registration No. C 4155)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-14 ta` Jannar 2009 li jaqra hekk –

***A. Dikjarazzjoni li tfisser b`mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f`paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba tieghi u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jafu bihom personalment.***

*1. Illi r-rikorrenti Anthony Gatt huwa azzjonista fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155).*

*2. Illi r-rikorrent huwa detentur ta` 200 ossija 40% tal-azzjonijiet tal-imsemmija socjeta` filwaqt li l-bqija tal-azzjonijiet huma mizmuma minn huh Philip Gatt. Illi r-rikorrent Anthony Gatt kien strumentali ghall-izvilupp tal-kumpannija msemmija.*

*3. Illi prezentement hemm disgwid bejn ir-rikorrenti Anthony Gatt u huh Philip Gatt dwar it-tmexxija tal-imsemmija kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited.*

*4. Illi ghandu jigi puntwalizzat illi l-imsemmija kumpannija tissodisfa l-kriterji ta` ‘kwazi-partnership’ ghal fini tal-ligi azjendali. Ghaldaqstant id-diretturi ta` tali kumpannija ma jistghux jigu mkeccija kif gie u lahaq. Huwa pacifiku, anke fil-gurisprudenza nostrana illi r-rikorrenti ghandu interess u aspettativa legittima li tmur oltre u ’l hinn mis-sinifikat tal-"memorandum and articles" tal-kumpannija in kwistjoni. Certament wahda mill-aspettativi tar-rikorrenti hija li ma jigix imcahhad minn partecipazzjoni fit-tmexxija tal-kumpannija sempliciment ghaliex il-fiducja reciproka spiccat minhabba d-disgwid ma` huh.*

*5. Illi s-socjeta` imsemmija kienet debitament irregolarizzat ruhha mad-disposizzjonijiet tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpanniji u ghaldaqstant l-istess socjeta` hija regolata bid-disposizzjonijiet tal-istess ligi governattiva fosthom id-disposizzjonijiet illi jharsu d-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji.*

*6. Illi t-tmexxija tal-kumpannija ma hijiex qeghda ssir kif suppost, tant hu hekk li dan l-ahhar l-intimat Philip Gatt ghamel tentattiv illecitu illi jnehhi lir-rikorrenti Anthony Gatt mill-kariga ta` direttur tal-kumpannija.*

*7. Illi minkejja illi r-rikorrenti huwa azzjonista tal-kumpannija d-drittijiet tar-rikorrenti qed jigu kalpestati mill-mod kif Philip Gatt qed jimponi ruhu fuq il-kumpannija.*

*8. Illi giet organizzata parvenza ta` laqgha tal-azzjonisti fis-16 ta` Dicembru 2008 fejn qed jinghad illi ttiehed vot sabiex jitkecca r-rikorrent Anthony Gatt mill-kariga ta` direttur. Izda, kif jafu sewwa l-intimati Philip u Doris Gatt, f`din il-laqgha ma ttiehed l-ebda vot ghaliex il-laqgha ddegenerat f`konfrontazzjoni u vjolenza verbali.*

*9. Illi giet registrata Form K illegali u abbuziva annessa u markata DOK. AG01 fejn jinghad illi r-rikorrenti Anthony Gatt tkecca mill-kariga ta` direttur.*

*10. Illi l-intimat Philip Gatt qed jiehu passi sabiex minghalih jehles ghal kollox mir-rikorrenti minghajr ma jaghtih dak illi jispettalu fil-ligi.*

*11. Illi l-manuvra illi saret sabiex jitnehha r-rikorrent Anthony Gatt hija llegali u abbuziva hija ngunta, oppressiva u diskriminatorja u sintomu tal-mod abuziv kif qed titmexxa l-kumpannija.*

*12. Illi l-kumpannija qed tigi mmexxija b`mod oppressiv, b`mod mhux gust, diskriminatorju kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju kontra r-rikorrenti tant illi r-rikorrenti gie mcahhad mid-dritt tieghu li jircievi dividend.*

***B. Ir-Raguni tat-Talba***

*1. F`din il-kawza r-rikorrenti qed jitlob li l-Qorti tapplika l-artikolu 402 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji stante illi t-tentattiv tal-intimat illi jnehhih minn direttur tal-kumpannija kienet mizura oppressiva jew b`mod mhux gusta diskriminatorja jew ta` pregudizzju ghar-rikorrenti bhala membru tal-kumpannija.*

*2. F`din il-kawza r-rikorrent qed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa sabiex tittutela l-interessi tieghu.*

*3. Illi r-rikorrent qed jitlob kumpens finanzjarju mill-intimat Philip Gatt ghall-abbuzi mwettqa minnu.*

***C. Talba***

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu illi dina l-Qorti joghgobha taghmel ordni urgenti ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att ta` 1995 dwar il-Kumpanniji sabiex :*

*(i) Tiddikjara illi l-affarijiet tal-kumpannija tmexxew u qed jitmexxew b`mod li, huwa oppressiv, b`mod mhux gust diskriminatorju kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju kontra r-rikorrent ;*

*(ii) Thassar u tirrevoka mmedjatament l-effetti kollha ta` l-Form K premessa u tohrog dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa lir-Registratur tal-Kumpanniji ;*

*(iii) Tordna illi r-rikorrent Anthony Gatt jerga` jigi appuntat direttur mill-gdid minnufih ;*

*(iv) Tordna lill-intimat Philip Gatt ihallas lir-rikorrent Anthony Gatt kumpens finanzjarju ;*

*(v) Tirregola t-tmexxija ta` l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur.*

*U dana kollu taht dawk it-termini, il-pattijiet u kundizzjonijiet ohra illi dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni illi timponi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ai termini tal-imsemmi artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mir-rikorrenti u d-dokument li kien anness mar-rikors promotorju.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-1 ta` April 2009 li taqra hekk –

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante :*

*1. Illi din il-kawza giet proposta primarjament minhabba illi r-rikorrenti Anthony Gatt tnehha minn direttur*

*tal-kumpannija intimata fis-16 ta` Dicembru 2008 ghalkemm baqa` jokkupa l-kariga ta` shareholder sal-gurnata ta` llum ;*

*2. Illi r-rikorrenti Anthony Gatt tnehha legalment u ai termini tal-Istatut tal-Kumpannija u ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*3. Illi kuntrarjament ghal dak li jallegaw ir-rikorrenti fir-rikors taghhom, kien l-intimat Philip Gatt li kien ikkostitwixxa l-kumpannia intimata flimkien ma` siehbu Joseph Coleiro fit-28 ta` Awwissu 1978, u dan kellhom 50% tal-azzjonijiet kull wiehed, filwaqt illi dak iz-zmien, ir-rikorrenti Anthony Gatt kien impjegat mal-kumpannija bhala salesman ;*

*4. Illi kien biss ghall-habta tas-sena 1980, meta Coleiro kien telaq minn Malta, illi l-intimat Philip Gatt kien irregistra lir-rikorrenti bhala azzjonist b`40% tal-ishma stante illi dak iz-zmien, kumpannija ma setax ikollha azzjonist wiehed biss. Ghandu jinghad illi r-rikorrenti Anthony Gatt qatt ma hallas l-ammont dovut minnu ghal dawn l-ishma, kif ser jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza ;*

*5. Illi Anthony Gatt hareg bil-pensjoni fi Frar tas-sena 2008 u minn ftit snin qabel, jidher illi tilef l-interess fil-kumpannija billi beda jilmenta illi ma riedx ikompli bix-xoghol u li ried sehmu mill-kumpannija. Minn dakinhar li hareg bil-pensjoni sal-lum, ma regax dahal ghax-xoghol hlief ghal gurnata wahda, anke peress illi kien marid, u dan kollu jista` jigi kkonfermat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*6. Illi ghandu jirrizulta mill-mod kif kienet titmexxa l-kumpannija illi din ma tistax titqies b`ebda tigbid tal-*

*immaginazzjoni bhala "quasi-partnership" kif qed jigi allegat ;*

*7. Illi fis-16 ta` Dicembru 2008, ir-rikorrenti Anthony Gatt tnehha minn direttur tal-kumpannija b`mod regolari u legali u ai termini tal-Istatut tal-Kumpannija u tal-Artiklu 140 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta), wara li ssejhet laqgha tal-azzjonisti ;*

*8. Illi r-rikorrenti Anthony Gatt attenda l-laqgha akkompanjat mill-konsulent legali tieghu u minn martu r-rikorrenti Catherine Gatt ; pero` r-rikorrenti, partikolarment Catherine Gatt, infexxew f`insulti u kliem hazin diretti lejn id-direttur l-iehor Philip Gatt u martu Doris Gatt li dak iz-zmien kienet tokkupa l-kariga ta` segretarja tal-kumpannija, u mbaghad qabdu u telqu minn rajhom, u l-laqgha tkompliet ;*

*9. Illi jidher illi dawn il-proceduri istitwiti mir-rikorrenti huma motivati mill-fatt illi r-rikorrenti Anthony Gatt ippretenda prezz ezorbitanti ghall-ishma tieghu minghand l-azzjonist l-iehor Philip Gatt wara illi tilef l-interess fil-kumpannija, liema prezz ma giex accettat, u dana kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*10. Illi jidher illi l-bazi tat-talbiet tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors guramentat 34/09 huwa l-Artiklu 402 tal-Att dwar il-Kumpannija, liema disposizzjoni tipprovdi rimedji lill-<u>azzjonisti</u> ta` kumpannija sabiex l-interessi taghhom <u>qua azzjonisti</u> jigu salvagwardjati ; jigi rilevat illi t-tnehhija tar-rikorrenti mill-kariga ta` direttur li saret skond il-ligi ma tnaqqas xejn mid-drittijiet tieghu <u>qua azzjonista</u>, tant illi ftit granet ilu, ircieva d-dividends spettanti lilu ghas-sena 2007 ;*

*11. Illi r-rikorrenti Anthony Gatt m`ghandux dritt illi jerga` jigi appuntat bhala direttur billi t-tnehhija tieghu saret skond il-ligi ;*

*12. Illi l-intimati jichdu bil-qawwa kollha illi qatt kien hemm xi agir oppressiv, illegali u/jew diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti Anthony Gatt li, sakemm tnehha minn direttur fis-16 ta` Dicembru 2008, kien imexxi l-kumpannija flimkien mal-intimat Philip Gatt ;*

*13. Illi l-ebda kumpens finanzjarju ta` ebda xorta m`huwa dovut lir-rikorrenti Anthony Gatt;*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur li kienet prezentata fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti ma` dak l-att.

Semghet ix-xiehda ta` David Vella mill-HSBC Bank Malta plc fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2009.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Perit Robert Musumeci li kienet prezentata fil-21 ta` Mejju 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti ma` dak l-att.

Rat ir-rikors tad-29 ta` Mejju 2009 fejn l-atturi, ghar-ragunijiet hemm moghtija, filwaqt illi ddikjaraw illi kienu qeghdin jirtiraw it-tieni (ii) u t-tielet (iii) talbiet taghhom kif dedotti fir-rikors promotorju, u filwaqt illi ddikjaraw li kienu

qeghdin izommu fermi t-talbiet l-ohra taghhom, talbu l-hatra ta` espert komputista sabiex jivvaluta l-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited u l-interess tal-attur fil-kumpannija.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Lulju 2009 fejn, anke wara li qieset dak li nghad mill-intimati fir-risposta taghhom, esprimiet il-fehma li almenu f`dak l-istadju tal-kawza ma kien hemmx il-htiega li jinghataw provvedimenti partikolari kif kontemplat fl-Art. 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, inkluz il-hatra ta` espert komputista ghall-iskop indikat mir-rikorrenti. Ghalhekk f`dak l-istadju astjeniet milli tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti u rriservat li tipprovdi diversament fi stadju ulterjuri skond il-kaz.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Claudette Fenech, bhala rapprezentant tal-MFSA, fl-udjenza tad-9 ta` Lulju 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud.

Kompliet tisma` x-xiehda tal-intimat u x-xiehda tal-Av. Dr. Robert Attard fl-udjenza tad-9 ta` Lulju 2009.

Kompliet tisma` x-xiehda tal-Av. Dr. Robert Attard, dik ta` Silvio Muscat u x-xiehda ta` Anthony Gatt fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2009. U rat id-dokumenti li kien prezentati fl-istess udjenza.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-intimati.

Kompliet tisma` x-xiehda ta` Silvio Muscat fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn hatret bhala espert lill-Awditur Kevin J. Mahoney sabiex

jiehu konjizzjoni tal-atti u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet tar-rikorrenti, wara li jiehu konjizzjoni tar-risposta tal-intimati.

Rat in-nota b`dokumenti li kien prezentata mill-intimati fis-26 ta` Jannar 2010.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta` Frar 2010 fejn, wara talba mill-espert Kevin J. Mahoney, hatret lill-Av. Dr. Tonio Grech bhala perit legali sabiex jassisti lill-espert fil-gbir tal-provi.

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji li kienet prezentata fil-25 ta` Mejju 2011 u mahlufa fl-14 ta` Lulju 2011.

Rat l-atti li kienu prezentati mill-periti gudizzjarji flimkien mar-relazzjoni taghhom.

Rat in-nota tar-rikorrenti prezentata fl-14 ta` Lulju 2011 fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat nota ohra tar-rikorrenti prezentata fid-19 ta` Lulju 2011 fejn rega` talbu l-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2011.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-perit legali Av. Dr. Tonio Grech fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2011.

Rat ir-risposti bil-miktub tal-periti gudizzjarji prezentati fit-18 ta` Novembru 2011 ghad-domandi bil-miktub li saru mill-partijiet.

Kompliet tisma` x-xiehda in eskussjoni tal-periti gudizzjarji fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2012.

Semghet id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti fl-istess udjenza fejn irrinunzja ghat-talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta` Mejju 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II.** **<u>L-Art 402 tal-Kap 386</u>**

Ir-rikorrenti qeghdin iressqu t-talbiet taghhom abbazi tal-**<u>Art 402 tal-Kap 386</u>**. Din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal dawk mis-subartikoli tal-Art 402 li tqis rilevanti ghall-istanza tal-lum –

*(1) Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew*

*membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*

**...**

*(3) Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) … il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista' taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa -*

*(a) li jirregola t-tmexxija ta' l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur ; jew*

*(b) jirrestringi jew jipprojbixxi l-ghemil ta' xi att propost ; jew*

*(c) jehtieg lill-kumpannija li taghmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li taghmel ; jew*

*(d) jipprovdi ghax-xiri ta' l-azzjonijiet ta' xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f'kaz ta' xiri mill-kumpannija, ghat-tnaqqis li jkun mehtieg fil-kapital azzjonarju mahrug tal-kumpannija ; jew*

*(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f'isem u ghan-nom tal-kumpannija ; jew*

*(f) jipprovdi ghall-hlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni ; jew*

*(g) ixolji l-kumpannija u jipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*(4) Meta jsir ordni ghax-xoljiment ta' kumpannija skond is-subartikolu*
*(3)(g), il-kumpannija ghandha titqies li tkun xoljiet fid-data meta jkun sar l-ordni u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att li jirregolaw l-istralc ta' kumpanniji ghandhom japplikaw.*

*(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista' jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.*

**…**

Fil-Pag 970 ta` ***<u>Principles of Maltese Company Law</u>*** (op. cit.), il-Professur Muscat jitfa` fuq ir-rikorrenti l-piz tal-prova li l-att jew omissjoni jaqa` fl-ambitu tas-subartikolu (1) u jghid hekk –

*This wording* (tal-subartikolu 1) *clearly suggests that the member* ***<u>need only prove one effect</u>*** *of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" (to a member or members) or contrary to interests (of the members as a whole).* (<u>enfasi u sottolinear tal-qorti</u>)

**Mill-mod kif ir-rikorrenti mpostaw l-ewwel (i) talba, huwa evidenti li r-rikorrenti ma humiex qeghdin jirrestringu l-ilment taghhom ghal xi wiehed mit-tliet atti li huma kontemplati mis-subartikolu (1) tal-Art 402 izda qeghdin jilmentaw li l-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited tmexxiet fil-passat u kienet qeghda titmexxa fil-prezent jew b`mod oppressiv jew mhux gust diskriminatorju jew mhux gust ta` pregudizzju fil-konfront taghhom.**

**Sabiex il-qorti taghti ordni skond kif previst fis-subartikoli (3) (4) u (5) ta` l-Art.402, hija tassattiva <u>l-prova</u> tal-att li minnu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti.**

Fis-sentenza li ta` din il-Qorti (**‘PA/GV)** tat-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza “**Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et”** inghad hekk –

*Illi* ***l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti*** (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) *li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b’mod li… (b) jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x’aktarx se jkunu, oppressivi b’mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, ghal membru jew membri jew b’mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta’ x’inhu oppressiv b’mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b’mod mhux gust ta’ pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b’kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista’ tintervjeni f’dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta’ pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

**Jekk abbazi tal-provi akkwiziti l-qorti tkun sodisfatta li jirrizulta dak previst fis-subartikolu (1), allura tghaddi mbaghad biex taghti l-ordni skond is-subartikoli l-ohra.**

**Jekk il-prova tkun insodisfacjenti, allura l-qorti ma ghandhiex tapplika dak previst mis-subartikoli l-ohra.**

**Ghalhekk f`dan l-istadju l-qorti sejra tirreferi ghall-provi li saru mir-rikorrenti fil-kuntest tal-kawzali li ndikat mis-subartikolu (1).**

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Il-provi saljenti u fil-qosor dwar l-ewwel (i) talba</u>**

Diversi u kopjuzi fl-ghadd kienu l-provi specjalment dokumenti li tressqu fil-kawza tal-lum : kemm dawk li ngabru mill-Qorti direttament kif ukoll dawk li saru quddiem il-periti gudizzjarji.

Ir-ragunijiet li taw ir-rikorrenti fir-rikors promotur biex jinvokaw l-applikazzjoni tal-Art 402(1) huma dawn –

1. Illi r-rikorrent kien strumentali ghall-izvilupp tal-kumpannija.

2. Illi bejn ir-rikorrent u l-intimat huh Philip hemm disgwid dwar it-tmexxija tal-kumpannija.

3. Illi r-rikorrent kien imcahhad minn partecipazzjoni fit-tmexxija tal-kumpannija.

4. Illi kienet illecita t-tnehhija tar-rikorrent minn direttur.

5. Illi d-drittijiet tar-rikorrent bhala azzjonista tal-kumpannija qeghdin jigu kalpestati

6. Illi r-rikorrent ma kienx qed jircievi dividend.

**Accertati bhala <u>dawk</u> elenkati ir-ragunijiet ghala r-rikorrenti ghamlu din l-azzjoni, din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dawk mill-provi li jolqtu dawk ir-ragunijiet ghax dawk huma l-provi rilevanti.**

All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) [`il-kumpannija`] kienet registrata ghall-ewwel darba fit-28 ta` Awissu 1978. L-issued share capital kien (u ghadu) ta` 500 Ordinary Shares ta` Lm 1 kull sehem li minnhom 40% huwa paid up. Sat-28 ta` Marzu 1980, l-azzjonisti kienu Joseph Coleiro (250 share) u Philip Gatt (250 share). Id-diretturi kienu Joseph Coleiro u Philip Gatt. Joseph Coleiro rrizenja minn direttur fit-28 ta` Marzu 1980 u minfloku nhatar Anthony Gatt bhala direttur. Fid-29 ta` Marzu 1980, l-ishma kollha ta` Joseph Coleiro kienu trasferiti in kwantu ghal 50 share a favur ta` Philip Gatt u in kwantu ghal 250 share a favur ta` Anthony Gatt. Wara li gie fis-sehh l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, il-kumpannija giet konformi mal-ligi l-gdida fid-29 ta` Dicembru 1997 (ara fol 236). Il-memorandum tal-kumpannija ighid illi n-numru ta` diretturi ma jistax ikun ta` inqas minn tnejn u mhux aktar minn tlieta. Dwar it-tnehhija ta` direttur, l-Art 21 tal-articles of association ighid biss illi *a director shall hold office until such time as he dies, resigns or is removed from office by the shareholders.* Anthony Gatt baqa` direttur mid-29 ta` Marzu 1980 sakemm tnehha mil-laqgha generali tal-azzjonisti fis-16 ta` Dicembru 2008 meta nhatret minfloku Doris Gatt. L-accounts ghas-snin ta` bejn l-1980 u l-2006 kienu ffirmati dejjem minn Philip u Anthony Gatt. L-accounts tal-2007 kienu ffirmati minn Philip u Doris Gatt.

Skond Anthony Gatt, meta hu dahal fil-kumpannija, l-intiza kienet illi jkollu sehem attiv fit-tmexxija taghha u li jkun sieheb fin-negozju. Fil-kumpannija ma dahalx b`karita` jew bi pjacir. Meta dahal hu, il-kumpannija kellha dejn qawwi u hu ghamilha ta` garanti. Qabel sar azzjonista, huwa kien impjegat tal-kumpannija. Wara li dahal hu bhala azzjonista, in-negozju zdied u kienu sejrin tajjeb. Anthony Gatt ighid illi Philip Gatt biddel il-valur tal-assi tal-kumpannija biex ibaxxi l-valur tal-ishma tieghu. Skond Anthony Gatt, Philip Gatt ghamel uzu minn flus tal-kumpannija ghall-iskopijiet personali tieghu u ta ezempji ta` dan. Fil-kumpannija, it-tmexxija tal-karti kienet f`idejn Philip Gatt waqt li l-bejgh u l-attenzjoni tal-klijenti kienu

f`idejn Anthony Gatt. Madwar sena qabel saret il-kawza, bdew jitkellmu dwar kif Anthony Gatt kien sejjer johrog mill-kumpannija. L-intopp kienet l-istima tal-valuir tal-ishma. Ir-relazzjonijiet bdew sejrin ghall-aghar fis-sens illi Philip Gatt beda jittratta mieghu hazin u jiehu decizjonijiet wahdu bla ma jikkonsulta lilu sa ma fl-ahhar Philip Gatt ma l-pass biex inehhi lil Anthony Gatt minn direttur.

Anthony Gatt ighid hekk –

*Dan hija ma jistax jaqbad u jkeccini hekk kif tkecci semplici impjegat wara illi hdimna ras ma` ras ghal bosta snin. Ghamilt kontribuzzjonijiet kbar lill-kumpannija u l-kumpannija hi dak li hi bil-hidma u l-investiment kbir tieghi li kien anke wiehed finanzjarju. Jien hadt ghalija hafna illi hija qabad u prova jkeccini minn direttur kif gieb u lahaq ghaliex il-kumpannija hija tieghi wkoll. Il-kumpannija hija dari u ma jistax jaqbad u jurini l-bieb meta jidhirlu hu. B`hekk kelli nressaq il-kawza biex nippreserva d-drittijiet tieghi.*

Anthony Gatt ighid li Philip Gatt baghtlu *notice of dividend* datat 18 ta` Dicembru 2009 (fol 26) minghajr l-approvazzjoni tieghu.

Fix-xhieda tieghu, Philip Gatt jibda billi jaghti sfond ta` kif ifforma n-negozju tieghu u kif meta kien kiber sewwa sab anke wara parir tal-bank manager tieghu li kien jehtieg illi huh Anthony Gatt jinghalaq mieghu bhala azzjonista. Anthony Gatt kien diga` mpjegat tieghu. Ikkonferma li Anthony Gatt dahal garanti ghall-overdraft li l-kumpannija kellha mal-bank. Ghalkemm kien hemm l-overdraft, il-valur tal-istokk kien jaqbez bil-bosta l-overdraft. In-negozju beda jizdied u jmur `il quddiem. Ma` Anthony Gatt mexa tajjeb fis-sens illi ghalkemm kellu 40% tal-ishma kien ihallsu dividend bin-nofs. Cahad bhala allegazzjonijiet infondati n-nuqqasijiet kollha li attrwibwixxi Anthony Gatt fil-konfront u qal ghaliex. Insista li Anthony Gatt ried jitlaq mill-kumpannija sa mill-2004.

Minn hemm `il quddiem beda l-inkwiet ghaliex beda joskurah quddiem il-klijenti u ha vantagg tieghu meta marad ghal xi zmien. Aktar milli jkun jaf dwar it-tmexxija tan-negozju, l-interess ta` Anthony Gatt kien illi jbiegh l-ishma tieghu.

Philip Gatt ighid hekk –

*Darba fost l-ohrajn hija Anthony Gatt il-garaxx biex nitkellmu fuq is-sehem li kien imissu mill-kumpannija. Jiena tajtu prezz biex nixtri ss-shares tieghu, izda hu talab somma li vvinta minn mohhu. Issa l-prezz tas-shares li kont dawwartlu f`ismu sal-lum il-gurnata ghadu ma hallasnix kif konna ftehmna meta dahal mieghi fil-kumpannija. Ghalhekk iddecidejt li f`dan il-kaz ahjar li niehu parir minghand avukat kif ezatt naghmel. Sa dann it-tant wara dakinhar dan hija ma resaqx aktar lejn il-garaxx. Jieen komplejt bix-xoghol tieghi normali sal-gurnata tal-lum.*

Skond Philip Gatt (ara fol 363) Anthony Gatt tnehha minn direttur ghaliex l-affarijiet ta` bejniethom ma bdewx sejrin tajjeb u ghaliex ma bediex jaghti kaz tax-xoghol. L-inkwiet beda ghal habta tal-2008 meta skond Philip Gatt, Anthony Gatt beda jindahal fi hwejjeg li sa minn dejjem kien jiehu hsiebhom hu. Anthony Gatt beda jaqla` l-paroli ghal xejn b`xejn. Wara li tnehha Anthony Gatt minn direttur, il-kumpannija bdiet tmexxi tajjeb. Wara t-tnehhija, Anthony Gatt ma baqax imur il-hanut taghhom. Qabel tnehha Anthony Gatt minn direttur, in-negozju tal-kumpannija kien sejjer tajjeb. Wara li spicca Anthony Gatt, il-bejgh zdied. Pero` ma marx aktar `l hemm ghalkemm il-bieb baqa` miftuh. Wara li spicca ha d-dividend (fol 366). Ikkonferma li waqt il-laqgha tas-16 ta` Dicembru 2008, Anthony Gatt kien prezenti. Mieghu kien l-Av. Robert Attard u l-mara ta` Anthony. Billi din giet bil-paroli, inqala` xi tilwim u l-avukat u l-klijenti tieghu marru `l barra. Saret il-laqgha xorta, u ttiehdet id-decizjoni li Anthony Gatt jitnehha minn direttur.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-fehma tal-periti gudizzjarji dwar l-ewwel (i) talba</u>**

Kien b`digriet ta` din il-Qorti tat-12 ta` Jannar 2010 li kien mahtur l-Awditur Kevin J. Mahoney sabiex jiehu konjizzjoni tal-atti tal-kawza u jirrelata dwar it-talbiet tar-rikorrenti, wara li jiehu konjizzjoni tar-risposta tal-intimati. In segwitu, permezz ta` digriet iehor tas-16 ta' Frar 2010, kien nominat ukoll l-Av. Tonio Grech bhala perit legali.

Dwar l-ewwel talba, il-periti gudizzjarji ghamlu dawn il-**<u>konsiderazzjonijiet</u>** –

*Mill-provi prodotti, b'mod partikolari mill-affidavits u xhieda tal-partijiet, jirrizulta li allavolja f'xi okkazzjonijiet, il-fondi tas-socjeta' setghu gew uzati mill-azzjonisti personalment, l-allegazzjoni minn azzjonista kontra l-iehor giet michuda jew spjegata mill-parti l-ohra, u ma giet migjuba l-ebda prova biex tissostanzja dik l-allegazzjoni hlief ix-xhieda ta' l-azzjonista li jaghmilha, apparti l-kuntratt dwar it-trasferiment tal-maisonette lil Philip Gatt u martu Doris, liema maisonette tinsab fuq il-garages tas-socjeta' intimata (Dok. PG). Barra minn hekk ammont ta' zmien mhux hazin ghadda minn dak iz-zmien meta fil-fatt allegatament sehhew dawk il-fatti.*

*Fil-fatt iz-zewg diretturi u azzjonisti sa mill-1980 meta inghaqdu fil-kumpannija intimata dejjem iffirmaw l-accounts tal-kumpannija flimkien. L-accounts kienu fil-fatt isiru minn Austin Grech, fl-istess ufficcju ta' Silvio Muscat, u l-audit ta' dawk l-accounts kien isir minn Silvio Muscat - ara fol. 377 fix-xhieda ta' Silvio Muscat a fol. 376 sa 391. L-esponenti ma jsibu xejn hazin f'dan il-modus operandi ghax huwa permess mill-Kodici ta' l-etika ta' l-Awdituri.*

*Iz-zewg diretturi baqghu jiffirmaw l-audited accounts, it-tnejn li huma, sa l-accounts tas-sena 2006 – ara fol. 391 fix-xhieda ta' Silvio Muscat a fol. 376 sa 391. Kienu l-accounts tas-sena 2007 li r-rikorrent ma riedx jiffirma. L-accounts tas-sena 2007 ovvjament riedu jigu iffirmati fis-sena 2008. Wiehed jista' jghid mill-provi illi dan sehh kawza tal-fatt li z-zewg azzjonisti ma ftehmux fuq ix-share valuation ta' l-ishma tal-kumpannija – ara fol. 386 u 387 fix-xhieda ta' Silvio Muscat. L-iskop tar-rikorrent Anthony Gatt kien li jbiegh l-ishma tieghu lill-huh, u cioe' lill-intimat Philip Gatt, izda ma ftehmux fuq il-valur ta' l-ishma – paragrafu 10 ta' l-Affidavit ta' Anthony Gatt a fol. 20 tal-process.*

*Sas-sena 2008, qabel ma beda l-inkwiet bejn il-partijiet, kollox mexa harir u ghalkemm certi decizjonijiet jew transazzjonijiet li gew allegati minn azzjonista kontra l-iehor ma jistghux jissejhu bhala l-ahjar prattika kummercjali, kollox jidher illi il-partijiet kienu jafu bihom u kienu qed ihallu certa grad ta' flessibilita' bejniethom sakemm, f'ghajnejhom, kien hemm trattament ekwu u ugwali bejniethom.*

***Rigward it-tmexxija, huwa ppruvat illi din ma kenitx f'idejn wiehed mid-diretturi biss izda kienet f'idejn it-tnejn – ara paragrafu 9 ta' l-Affidavit ta' Anthony Gatt a fol. 20 tal-process.*** (enfasi ta` din il-qorti)

*Din it-tmexxija flimkien sehhet ghal hafna u hafna snin u mill-provi jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda oppressjoni tul iz-zmien – ara paragrafu 4 ta' l-Affidavit ta' Anthony Gatt a fol. 20 tal-process. F'dan l-istadju wiehed ghandu jqis, b'mod partikolari, it-tkeccija tar-rikorrent minn direttur.*

Fir-relazzjoni, **il-periti gudizzjarji dahlu fil-koncett ta` *quasi partnership*** (invokat mir-rikorrenti) iccitaw minn ***Principles of Maltese Company Law*** (MUP – 2007) tal-Professur Andrew Muscat. Specifikament jirreferu ghal

pag 978 fejn huma trattati r-rekwiziti ghal *quasi partnership* u cioe`

*"In order that the "special" relationship may arise, something more is required, which typically may include one or probably more of the following elements : (a) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence ; (b) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping" members) of the shareholders are to participate in the management of the business ; and (c) restrictions upon the transfer of the shares in the company, so that if mutual confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot simply take out his stake and move elsewhere."*

Il-periti gudizzjarji jkomplu jghidu hekk –

*Illi jista' jinghad illi t-tlett rekwiziti imsemmija japplikaw fil-kaz tas-socjeta' intimata stante illi huwa ppruvat u pacifiku bejn il-partijiet illi (a) l-ghaqda bejn iz-zewg diretturi u azzjonisti kienet iffurmata u kompliet bejniethom a bazi ta' relazzjoni personali li kienet tinvolvi fiducja reciproka. Fil-fatt ghalkemm ir-rikorrent ghandu 40% tax-shares, huwa kien jiehu 50% tal-profitti - ara paragrafu 13 ta' l-Affidavit ta' Philip Gatt a fol. 411 tal-process (Dok. PG1) ; ix-xhieda ta' Anthony Gatt a fol. 397 tal-process. Tant hu veru illi l-ghaqda ta' bejn l-azzjonisti kienet ta' relazzjoni personali bazata fuq il-fiducja reciproka ghal hafna u hafna snin, illi meta spiccat il-fiducja ta' bejniethom, dik l-istess ghaqda sfaxxat fix-xejn ; (b) iz-zewg diretturi u azzjonisti kienu jippartecipaw fl-amministrazzjoni tan-negozju – ara paragrafu 9 ta' l-Affidavit ta' Anthony Gatt a fol. 20 tal-process ; ir-raba' paragrafu tar-risposta ta' l-intimati tas-7 ta' Lulju 2009 a fol. 57 tal-process; u (c) It-trasferiment ta' l-ishma huwa ristrett skond l-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 12 tal-Articles of Association tas-socjeta' intimata.*

*Ghalhekk is-socjeta' intimata tista' titqies bhala quasi-partnership li fiha ir- rikorrent ghandu 40% ta' l-ishma.*

**<u>Dwar it-tkeccija tar-rikorrent minn direttur</u>**, il-periti gudizzjarji jaghmlu riferenza ghal *Principles of Maltese Company Law* (op. cit.) pag.976 fejn jinghad hekk –

***"In a number of foreign cases, the courts have held that despite the statutory right of members to remove a director from office by a majority of votes, a member in the "quasi-partnership" type of private companies has an interest in the continued participation in the management of the company and that removal from that position in circumstances where there is an expectation of participation can amount to unfairly prejudicial conduct, unless of course the expulsion has been for a good and sufficient reason ".*** (enfasi ta` din il-Qorti)

U jaghmlu din l-osservazzjoni –

*Id-dritt tal-membru jew membri li ghandhom maggoranza tal-voti, u cioe' ta' iktar minn hamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot, jinsab fl-Artikolu 140 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji. Pero' f'dan il-kaz ta' "quasi-partnership" wiehed ghandu jara a) jekk hemmx ic-cirkostanzi li d-direttur, u cioe' r-rikorrent, li gie mnehhi minn direttur, ghadx ghandu l-aspettattiva li jibqa' jippartecipa fl-amministrazzjoni tal-kumpannija, u b) kienx hemm raguni valida ghat-tnehhija tieghu.*

*Ghar-rigward tal-punt a) hawn fuq, l-istess rikorrent wera bic-car illi ma jixtieqx jibqa' direttur u jkompli jippartecipa fl-amministrazzjoni tal-kumpannija.*

Il-periti kienu qeghdin jirreferu ghal meta r-rikorrent ghazel illi jirtira it-tieni (ii) u t-tielet (iii) talbiet.

U jkomplu hekk –

*Huwa jsostni li dan ghamlu ghax l-amministrazzjoni tal-kumpannija flimkien ma huh ma tistax tibqa' ssehh stante dak li gara bejniethom u l-fiducja reciproka f'xulxin spiccat, izda xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrent ma jridx izjed jamministra s-socjeta' intimata – ara t-twegiba ta' Anthony Gatt fl-ahhar pagna tal-kontro-ezami tieghu fis-seduta Nru. IV tal-11 t'Ottubru, 2010 quddiem il-perit legali.*

*Ghar-rigward tal-punt b) aktar 'l fuq, jidher illi diga kien beda l-inkwiet bejn iz-zewg azzjonisti, u r-rikorrent kien diga beda juri illi z-zmien tieghu fil-kumpannija beda jersaq fi tmiemu u anke ried ibiegh l-ishma tieghu – ara l-ahhar twegiba ta' Anthony Gatt fil-kontro-ezami tieghu fis-seduta Nru. III tat-8 ta' Lulju, 2010 quddiem il-perit legali. Madankollu xorta jibqa' l-fatt li t-tkeccija tieghu ma kenitx l-ahjar mod ta' bejn l-ahwa kif wiehed jispicca mill-kumpannija wara tant snin ta' xoghol, specjalment jekk wiehed jiehu kont tal-fatt illi s-socjeta' tista' titqies "quasi-partnership". Pero' jibqa' l-fatt illi r-rikorrent fi kwalunkwe kaz mhux qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jerga jigi moghti l-inkarigu tieghu ta' direttur. M'hemm l-ebda aspettattiva da parti tieghu li jamministra s-socjeta' intimata. L-incident sfortunat tat-tkeccija iservi biss biex jaghti prova li l-fiducja ta' bejn iz-zewg azzjonisti spiccat u ma jistghux jibqghu jahdmu, jamministraw jew jinnegozjaw flimkien.*

*Ghaldaqstant l-ewwel talba tar-rikorrent ghandha tigi respinta.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Id-decizjoni tal-Qorti dwar l-ewwel (i) talba</u>**

Din il-Qorti qieset b`reqqa d-domandi in eskussjoni li saru lill-periti gudizzjarji u r-risposti taghhom.

Qieset b`daqstant reqqa n-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

**<u>Specifikament</u> dwar in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet, il-Qorti tinnota karenza ta` riferenzi ghal gurisprudenza tal-qrati taghna, mhux daqstant riferenza in generali li tista` tolqot u tista` le l-pern tal-kwistjoni li biha tinsab rinfaccjata l-Qorti, izda dik <u>partikolari</u> – li tezisti u li l-partijiet ma ghamlux riferenza ghaliha, gurisprudenza li, kif ighid ben tajjeb il-qawl Malti, igib il-kwistjoni *qrib il-likk* jew *jolqot il-musmar fuq rasu*.**

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**<u>Vella et vs Vella</u> <u>Brothers Ltd et</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*… l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa' lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta' socjeta' kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita' li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta' li fiha huma jkollhom interess …*

*… din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta' ekwita' aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista' jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta' partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista' jsofri, pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali ta' l-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali*

*prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' possibilita'* ***("Vincent Monreal et v. Lino Delia noe"*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju, 1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza in re* ***Bovey Hotel Ventures Ltd*** *[(1983) B.C.L.C. 290] li 'the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

*… Fid-decizjoni* ***O'Neill v Phillips*** *moghtija mill-House of Lords fl-20 ta' Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta' dak li huwa 'fair'. Izda Lord Hoffman izid ighid li - "Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used … The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed.*

Fis-sentenza ***<u>Bovey Hotel Ventures Ltd</u>*** (op. cit.) kien inghad hekk –

*The test of unfairness must, I think, be an objective, not a subjective one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have had the de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith ; the test, I think, is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner's interests.*

Fis-sentenza "**<u>Monreal et vs Delia noe</u>**" (op. cit.) inghad hekk –

*Dawn il-provedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta' dan kollu jista' jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista' jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista' tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

**Is-sentenza li, din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni, illi tqarreb sitwazzjoni simili <u>hafna</u> ghal dik tal-kawza tal-lum kienet dik deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "<u>Ellul vs Ellul pro et noe</u>" u li din il-Qorti tqis bhala <u>*the leading judgement*</u>. F`dik il-kawza, minflok zewgt ahwa, fin-negozju, bhal fil-kaz tal-lum, hemm kienu konjugi, fin-negozju, li bl-aktar mod manifest kellhom inkwiet taz-zwieg. Hemm ir-ragel nehha lill-mara minn direttur. U l-mara hadet passi kontra r-ragel abbazi tal-Art 402. L-Ewwel Qorti tat ragun lir-ragel abbazi tal-Art 140 tal-Kap 386 ; <u>l-istess disposizzjoni li qeghda tkun citata mill-intimati</u>. Il-Qorti tal-Appell qalet il-maqlub.**

Fis-sentenza **<u>“Ellul vs Ellul pro et noe</u>”**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*… Fil-ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala “The Unfair Prejudice Remedy”. Il-Qorti ta’ l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kaz “in Re Saul D. Harrison & Sons plc ([1995]) 1BCLC 14)” il-linji ta’ gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista’ jigi kkwalifikat bhala, “unfairly prejudicial” (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta “b’mod mhux gust ta’ pregudizzju”). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta’ ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi (“legitimate expectations”) li r-rikorrent jista’ jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut ta-ssocjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti. Fil-kaz Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd. ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta’ sitwazzjonijiet fejn dan ir-rimedju jista’ jinghata, sitwazzjonijiet dawn li x’aktarx jinstabu f’ kumpaniji zghar privati li ta’ sikwiet jissejhu “quasi partnerhsips”, fosthom is-segwenti :-*

*“(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company ;*

*(ii) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be “sleeping members”) of the shareholders shall participate in the conduct of the business ;*

*(iii) restriction upon the transfer of the members’ interest in the company – so that if confidence is lost, or*

*one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

Fil-pagna 464 tat-Tielet Edizzjoni tal-***Ferrar's Company Law*** jinghad hekk –

*… The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size. As a quasi-partnership, the company will usually have been formed or continued on the basis of a personal relationship involving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the daytoday operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest.*

*However, as Lord Wilberforce stressed in Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the articles or, for example, by the articles supplemented by a shareholders' agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents.*

*The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the*

*shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles.*

*That is not to say that s.459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi-partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies."*

Kif qalu Hicks u Goo fil-pagna 409 tal-Hames Edizzjoni ta` ***Cases and Materials on Company Law*** **–**

*In the early days of S.459, it was thought that the petitioner must have unfairly suffered prejudice to an interest as a member only (and not eg. as a director). This requirement has never been relaxed in that the Court is prepared to recognise that members may have different interests having regard to their rights, expectations and obligations (re a company (No 00477 of 1986 [1986 BCLC 376; O'Neill v Phillips. [1999] 1 WLR 1092). This is particularly so in quasi-partnership cases where a minority is excluded from management. But where the articles make detailed provision for any departing members to sell their shares at a fair price, the position may be different …Section 459 has proved to be a powerful weapon for minority shareholders, particularly in the case of quasi-partnerships. In such companies, minorities who are excluded from management participation or who unfairly suffer loss as a result of wrongdoing by directors or majority shareholders may get relief under the section.*

Fil-pagna 449 tar-Raba` Edizzjoni tal-***Farrar's Company Law***, jinghad illi –

*A member's interests are not necessarily limited, therefore, to his strict legal rights under the Articles and the Companies' Act but can extend also to legitimate expectations as to the conduct of the company's affairs arising from the nature of the company and the agreements and understandings between the parties.*

Fis-sentenza Ingliza **"Loch v Blackwood"** ([1924] A.C. 783) il-Qorti sabet illi mhux rikjest *"a grave degree of misconduct"* biex taghti rimedju that dak li fil-ligi taghna huwa l-Art.402. Is-sentenza tghid li ***"the loss of confidence by the shareholders in the management of the company would be enough to constitute breach of duty by the company directors".*** (enfasi ta `din il-Qorti).

Issa b`riferenza ghall-fattispeci tal-kawza tal-lum, din il-Qorti tghid illi huwa rrilevanti ghaliex Philip Gatt haseb biex huh Anthony Gatt, minn impjegat, issir azzjonista mhux ta` xi sehem wiehed izda ta` 40% tal-ishma totali tal-kumpannija, ghalkemm irid jinghad illi rrizulta bhala fatt inkontestat illi kif appena dahal bhala azzjonista u direttur, Anthony Gatt accetta li jidhol bhala garanti tal-kumpannija.

Huwa wkoll irrilevanti jekk Anthony Gatt kienx hallas flus inkella le biex kiseb it-trasferiment favur tieghu ta` dawk l-ishma.

Li fiz-zgur huwa rilevanti huwa l-fatt illi Anthony Gatt kien azzjonista ta` 40%, ma kienx *a sleeping partner*, kellu nicca partikolari x'jaqdi fil-kumpannija, nicca li tant kienet apprezzata illi l-azzjonista ta` maggoranza u cioe` huh Philip Gatt minn rajh, u minghajr obbligazzjoni, accetta li jhallsu dividend mhux ta` 40% izda ta` 50%. Fid-dinja ta` l-madwar kollox huwa possibbli pero` l-inverosimili huwa meqjus bhala inqas mix-xejn l-aktar fejn jidhol il-profitt. Din il-Qorti hija tal-fehma illi Philip Gatt hallas dividend ta` 50% flok ta` 40% mhux bi pjacir izda ghaliex Anthony Gatt kien tajjeb u kellu post ghall-kumpannija.

**Din il-Qorti ma tikkondividi propju xejn il-mod kif il-periti gudizzjarji ttrattaw l-ewwel talba ghaliex b`li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom il-periti gudizzjarji kellhom jilqghu l-ewwel talba, kif del resto sejra taghmel din il-Qorti b`diskordanza mal-periti gudizzjarji.**

Fil-kaz tal-lum irrizulta li r-rikorrent ma kienx *a sleeping partner*, hadem kif seta` u fil-limitazzjonijiet tieghu izda bis-shih biex ikattar il-gid tal-kumpannija, irnexxielu jaghmel dan flimkien ma` huh Philip Gatt, u wara medda ta` snin talab sehmu mill-kumpannija ghaliex wasal fl-eta` pensjonabbli. Ir-rikorrent ittenta jsarraf fi flus il-hidma tieghu. Huwa altru milli evidenti li r-reazzjoni ta` l-intimat kienet fin-negattiv forsi ghal mitt raguni anke ghaliex kien hemm hemm disgwid u allura nkomprensjoni jew allura suspett fl-istima tal-valur tal-ishma.

**Ghall-interessament incisiv tar-rikorrent, din il-Qorti tghid illi r-reazzjoni tal-intimat ma kellhiex tkun it-tnehhija tar-rikorrent minn direttur, u allura mit-tmexxija tal-kumpannija, semplicement ghaliex l-intimat kellu l-maggoranza tal-ishma.**

**L-agir tal-intimat jingabar propju f`dak illi l-Art 402(1) ma jridx li jsehh f`kumpannija tax-xorta bhal dik ta` bejn l-ahwa Gatt. Bl-agir tieghu, l-intimat skatta r-reazzjoni tar-rikorrent li hassu barra ghal kollox mill-kumpannija ghad illi kien jippossjedi 40% tal-ishma.**

**Il-fatt illi fil-mori tal-kawza, l-intimat ma baqax jinsisti fuq it-tieni (ii) u t-tielet (iii) talbiet tieghu ma ddghajjef propju xejn il-pozizzjoni inizjali tieghu ghaliex fil-kuntest tal-Art 402 hija wiesgha bil-bosta d-diskrezzjoni tal-Qorti ta` kif, wara li taccertali sehh dak**

**mahsub mis-subartikolu (1), tirregola l-qaghda tas-socjeta` fil-futur.**

**Kontra dak li waslu ghalih il-periti gudizzjarji, din il-Qorti tghid illi l-ewwel (i) talba hija ppruvata.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Ir-raba` u l-hames t-talbiet</u>**

In kwantu ghar-**<u>raba` talba</u>**, din il-Qorti ma tarax illi huwa l-kaz li takkorda lir-rikorrenti kumpens finanzjarju ; mhux biss ghaliex ir-rikorrenti ma gabux prova ta` telf attwali u materjali li garrbu bit-tnehhija tar-rikorrent minn direttur izda ghaliex id-dritt tar-rikorrenti li jippercepixxu dividend baqa` mpregudikat.

In kwantu ghall-**<u>hames talba</u>**, din il-Qorti mhijiex tara skop illi t-**<u>tmexxija</u>** tal-kumpannija, fis-sens tad-direzzjoni taghha, tkun diversa milli hija llum. La Anthony Gatt tnehha minn direttur u l-ghadd tal-ishma li jippossjedi baqa` dak li kien, ma hemm l-ebda skop ghala ghandu jerga` jigi reintegrat fit-tmexxija tal-kumpannija, anke ghaliex din il-kawza ma ghenet propju xejn biex l-ahwa Gatt mhux biss jibqghu ahwa izda jkomplu jikkoperaw fit-tmexxija tan-negozju tal-kumpannija. Del resto lanqas l-istess Anthony Gatt ma huwa qieghed jinsisti illi jidhol lura fit-tmexxija tal-kumpannija.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>L-Art 402(3)(d)</u>**

Billi hija sodisfatta li saret il-prova ta` dak li jahseb ghalih is-subartikolu (1) tal-Art 402, din il-Qorti hija tal-fehma illi *the way forward* ghal din il-kumpannija ghandu jkun illi jinbieghu l-ishma li ghandu Anthony Gatt. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti ordni f`dan is-sens skond l-Art 402(3)(d).

Fil-***Principles of Maltese Company Law*** (op. cit.) pag 1003 jinghad hekk –

*This radical order has a number of advantages : (i) that the complainant can realise the value of his interest in the company without having the company wound up ; (ii) that the purchasers will receive full value for the price paid for the shares ; and (iii) that the complainant on the one hand, and the company and the majority shareholder on the other, can make a "clean break". This remedy should ideally be used sparingly and should be resorted to only when other remedies are inapplicable or bound to be ineffective to redress the wrongdoing.*

Din il-Qorti hija tal-fehma illi dan il-bran jaddatta ruhu ferm ghall-kaz tal-lum.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi taqta` u tiddeciedi hekk –**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tat-tielet u tal-hames talbiet.**

**Tichad ir-raba` talba.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 402(3)(d) tal-Kap 386, tordna illi jinbieghu l-ishma kollha li r-rikorrent Anthony Gatt ghandu fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155).**

**Ghal dan l-iskop tordna li ma jsir l-ebda tibdil fil-*memorandum* u fl-*articles of association* tal-kumpannija sakemm jinbieghu dawn l-ishma.**

**Tordna lill-intimati Philip u Doris konjugi Gatt sabiex bhala diretturi tal-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) ilestu l-*full audited accounts* tal-kumpannija sal-31 ta` Dicembru 2012 u l-*management accounts* taghha sal-lum u jipprezentawhom fir-Registru ta` din il-Qorti sa mhux aktar tard minn erba` (4) xhur mil-lum.**

**Tahtar lill-Awditur Kevin J. Mahoney sabiex jistabilixxi l-prezz ta` kull sehem tal-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) fid-data tal-lum u abbazi ta` dak il-prezz, jinbieghu l-ishma tar-rikorrent Anthony Gatt skond il-procedura prevista mill-*articles of association* tal-kumpannija.**

**Taghti lill-Awditur Kevin J. Mahoney access shih ghall-*full audited accounts* ta` All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) sal-31 ta` Dicembru 2012 u tal-*management accounts* taghha sal-lum.**

**Tordna lill-intimati Philip u Doris konjugi Gatt bhala diretturi tal-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) sabiex jaghtu lill-Awditur**

**Kevin J. Mahoney kwalsiasi taghrif – kollox inkluz u xejn eskluz – li jkun jehtieg sabiex jaqdi l-inkariku tieghu.**

**Tordna lill-Awditur Kevin J. Mahoney sabiex jissorvelja – b`mod attiv u liberu – il-process kollu tal-bejgh u tat-trasferiment tal-ishma li r-rikorrent Anthony Gatt ghandu fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155).**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluz il-procedura tal-bejgh u trasferiment tal-ishma, u tal-inkariku tal-Awditur Kevin J. Mahoney, jithallsu mill-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------